**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Illum:** 21 ta' Jannar, 2019

**Il-Pulizija**
**(Spettur Elton Taliana)**
**-vs-**
**Christian Cali`, detentur tal-karta tal-identita` numru 181700L**

*Kumpilazzjoni Nru. 262/2018*

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputat Christian Cali`, u cioe` talli:

1. Nhar it-28 ta' Jannar, 2018, għall-ħabta tad-disgħa u nofs ta' filgħaxija (21.30hrs) ġewwa Triq Wied il-Kbir, Birkirkara, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li qiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, ikkaġuna ferita ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Mikita Maitlitski hekk kif iċċertifikat Dr. Rebecca Galea M.D. u dan ai termini tal-Artikolu 216 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

2. Talli volontarjament kiser il-bon ordni u il-paċi pubblika b'għajjat u ġlied.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum, l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu IX, Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kapitolu, u cioe` wara li l-imputat wiegeb li hu hati ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u huwa nghata zmien xieraq sabiex jekk ried seta' jerga' lura minnha.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet maghmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiza dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:
Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu w ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

Illi dwar piena l-Qorti kkunsidrat in-natura tar-reati li dwarhom qed tinstab htija, tal-fedina penali netta mtappna tieghu minkejja li ghad ghandu tmintax il-sena, tal-ammissjoni tieghu u tac-cirkostanzi kollha l-ohra tal-kaz fosthom li kien minuri meta sehhew ir-reati.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 31, 37(2), 214, 216(1)(a)(b) u 338(dd) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu, u bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tpoggih taht ordni ta' probation ghal zmien sentejn (2) millum.

Il-Qorti spjegat lill-hati l-konsegwenzi jekk jikkommetti reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza kif ukoll jekk ma jsegwix id-direttivi li se jinghatawlu fil-perjodu ta' supervizjoni.

Il-Qorti tordna li kopja ta' dina is-sentenza ghandha tintbaghat lid-Direttur tal-Probation u Parole skond il-ligi.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Magistrat**